# Il-korruzzjoni u l-kultura ta' l-illegalità

## Ir-rifjut tal-Prim Ministru li jaċċetta r-riżenja ta' Jesmond Mugliett bagħat messaġġ ħażin dwar il-ġlieda tal-Gvern kontra l-korruzzjoni. KURT SANSONE jirrapporta.

**Il-korruzzjoni mhix biss kwistjoni ta' ksur tal-Liġi iżda għandha marbuta magħha kultura ta' illegalità li tmantniha.**

Għalhekk il-ġlieda kontra l-korruzzjoni mhix biss kontra min jikser il-liġi iżda wkoll kontra l-kultura ta' xejn mhu xejn li tippermetti li l-korruzzjoni tibqa' ssir. Hu f'dan l-isfond li l-aġir tal-Ministru Jesmond Mugliett, fil-każ ta' l-impjegati ta' l-Awtorità dwar it-Trasport li nstabu ħatja ta' tixħim mill-Qorti, jibgħat messaġġ ħażin dwar ir-rieda politika tal-Gvern li jiġġieled il-korruzzjoni bl-għeruq u x-xniexel.

Meta f'Palermo fl-aħħar tas-snin 80 is-Sindku Leoluca Orlando iddikjara ġlieda kontra l-Mafja li kienet tmexxi l-belt, it-taqbida ma kenitx biss waħda legali iżda wkoll kulturali. Orlando mhux biss applika l-liġi b'id tal-ħadid kontra l-Mafja iżda mexxa lill-poplu Palermitan fi ġlieda kulturali kontra l-valuri egoistiċi tal-Mafja bbażati fuq 'l-unur' u 'l-familja'.

F'diskors li għamel fl-2003* Orlando qabbel il-ġlieda tiegħu mal-karru tradizzjonali Sqalli li għandu żewġ roti li jissimbolizzaw il-kultura u l-legalità.

"Iż-żewġ roti jridu jduru bl-istess veloċità inkella il-karru ma jimxix 'il quddiem imma jibqa' jdur f'ċirku. Jekk iddur biss ir-rota tal-kultura u dik tal-legalità tibqa' wieqfa, jeżisti riskju li norganizzaw xi kunċert prim ta' mużika Sqalli għall-unur ta' xi kap tal-Mafja," sostna Orlando.

Hu spjega li l-ġlieda tiegħu kienet fuq iż-żewġ fronti fl-istess ħin u bl-istess intensità.

L-esperjenza f'Palermo wriet li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kontra s-silenzju u kontra l-illegalità trid issir kemm bl-infurzar tal-liġijiet kif ukoll bil-bidla kulturali favur il-valuri tar-rispett.

Fl-istess diskors Orlando kien sostna li qabel xejn il-kultura hi l-għarfien ta' l-identità ta' l-individwu u l-komunità tiegħu marbuta mar-rispett lejn kull persuna umana.

F'dan il-kuntest mhux biżżejjed li l-Gvern ta' Gonzi jgħid li qed jiġġieled il-korruzzjoni billi jressaq in-nies quddiem il-Qorti għax magħha hemm ukoll marbuta kultura li trid tingħeleb billi jkunu mressqa 'l quddiem valuri alternattivi.

Jesmond Mugliett indaħal biex tinbidel id-deċiżjoni li ħadu l-ogħla uffiċjali ta' l-Awtorità li ż-żewġ impjegati interdettati mill-qorti jitkeċċew mill-impjieg. Din id-deċiżjoni tal-Ministru, anki jekk hemm spjegazzjoni mġebbda għaliha, dgħajfet il-valuri li jsostnu l-kultura tal-legalità.

Bl-aġir tiegħu Mugliett kompla xellef il-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet ta' dan il-pajjiż għax min instab ħati ta' korruzzjoni deher li qiegħed ikun ittrattat b'ingwanti tal-ħarir.

Lil hinn minn kull intenzjoni tajba li seta' kellu l-Ministru meta ddeċieda li jipposponi t-tkeċċija sakemm tinqata' t-talba li għamlu ż-żewġ impjegati għal maħfra presidenzjali, Mugliett poġġa lilu nnifsu u lill-Gvern f'sitwazzjoni imbarazzanti.

F'mument kruċjali meta każijiet ta' korruzzjoni u tixħim qed joħorġu fil-beraħ qishom pastizzi ħerġin mill-forn tal-Crystal Palace nhar ta' Ħadd filgħodu, dan ta' Mugliett kien l-aħħar każ li kellu bżonn il-Prim Ministru fuq il-platt tiegħu.

Iżda l-każ ma waqafx biss mad-deċiżjoni li kien ħa l-Ministru fi Frar ta' din is-sena. Biex il-borma tkompli titħawwad f'dawn il-ġimgħat kienu l-ogħla żewġ uffiċjali ta' l-ADT li ppuntaw subgħajhom lejn Mugliett bħala l-persuna li waqqaf it-tkeċċija taż-żewġ impjegati. Għal darba darbtejn Mugliett tgiddeb minn dawk ta' taħtu.

Iktar dubjuż minn hekk kien l-aġir ta' Mugliett fil-Parlament fejn fi stqarrija li għamel ġimgħa ilu hu sostna li d-deċiżjoni dwar l-impjieg kienet waħda "kollettiva" li fiha kienu involuti ċ-Chairman ta' l-ADT u l-bord tad-diretturi. Jumejn wara din id-dikjarazzjoni ċ-Chairman ta' l-ADT, Joe Gerada, ħareġ jgħid li ma kienx minnu li ttieħdet deċiżjoni kollettiva.

F'dawn iċ-ċirkostanzi r-riżenja kienet inevitabbli iżda bħal San Ġwann Battista l-Prim Ministru Lawrence Gonzi 'ħafer' lil Mugliett u m'aċċettalux ir-riżenja. B'hekk tgħabba bl-aġir ta' Mugliett. Kif sostna Lino Spiteri din il-ġimgħa fit-*Times*, l-aġir ta' Gonzi mar kontra l-kunċett ta' governanza tajba għax iddefenda ministru li ndaħal fl-esekuzzjoni ta' ordni li tat il-qorti u implika nies li ċaħdu l-involviment tagħhom fid-deċiżjoni.

Għalfejn il-Prim Ministru waqaf ma' Mugliett jibqa' misteru.

'Il-barka' ta' Gonzi tagħlef il-kultura tan-nuqqas ta' kontabbiltà fl-amministrazzjoni pubblika. Bl-aġir tiegħu, il-Prim Ministru bagħat messaġġ li xejn mhu xejn u kompla xellef il-valuri tal-legalità b'detriment għall-bqija tas-soċjetà.

*** Id-diskors ta' Leoluca Orlando: http://www.sicilianrenaissance.info/en/documenti/030523.pdf**



L-eks sindku ta' Palermo Leoluca Orlando





**"L-aġir ta' Gonzi mar kontra l-kunċett ta' governanza tajba għax iddefenda ministru li ndaħal fl-eżekuzzjoni ta' ordni li tat il-qorti u implika nies li ċaħdu l-involviment tagħhom fid-deċiżjoni"**

**— Lino Spiteri fit-*Times* din il-ġimgħa**

## Ir-riżenja aċċettata ta' John Dalli

**Il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin John Dalli irriżenja minn Ministru fit-3 ta'Lulju 2004 wara li għal xahar sħiħ ħabbat wiċċu ma' akkużi li bħala ministru għamel pressjoni biex il-kumpanija Iranjana tal-vapuri IRISL tappunta lill-kumpanija ta' qrabatu bħala aġenti.**

Dalli ħabbat wiċċu wkoll ma' akkużi li l-ministeru tiegħu uża kumpanija ta' l-ivvjaġar li kellhom sehem fiha nies viċin tiegħu biex jixtri l-biljetti ta' l-ajru.

Dawn iż-żewġ akkużi sabu ħafna spazju fil-gazzetta *The Times* u kontra l-prassi addottata sa dakinhar anki fuq il-PBS.

Fid-dikjarazzjoni li għamel Lawrence Gonzi meta aċċetta r-riżenja ta' Dalli qal li ma sab l-ebda irregolarità fil-każ tal-IRISL u fit-tieni każ irrefera l-fatti lill-Awditur Ġenerali biex jinvestiga. Ir-rapport ta' l-Awditur għadu mhux lest sal-lum u milli jidher dan mhux qed jinvestiga lil Dalli imma l-operat kollu ta' kif il-ministeri jixtru l-biljetti ta' l-ajru tagħhom.

Dakinhar tar-riżenja Dalli qal li ma setax ikompli fil-kariga tiegħu għax l-attakki fost l-oħrajn kienu ġejjin minn ġewwa. Hu saħansitra indika lill-ġurnalist tal-PBS Ivan Camilleri, li jiġi ħu Alan Camilleri li dakinhar kien jifforma parti mis-segretarjat tal-Prim Ministru, bħala parti mill-istrateġija biex hu jitwarrab mill-Kabinet.

Intant Dalli għadu sal-lum isostni li r-raġuni vera għalfejn Gonzi aċċettalu r-riżenja kienet tinsab f'rapport falz miktub mill-investigatur privat Joe Zahra li kien jimplika lil Dalli f'korruzzjoni fl-għoti tal-kuntratt għall-apparat mediku fil-Mater Dei. Dalli jsostni li r-rapport kien f'idejn il-Prim Ministru qabel ma offra r-riżenja u nżamm mistur minnu.

Dalli jgħid li Gonzi emmen dak ir-rapport li wara rriżulta li kien ivvintat u għadu qed jistenna apoloġija.

Ir-raġunament għalfejn Gonzi aċċetta r-riżenja ta' Dalli, imma irrifjuta dik ta' Mugliett, hu mħawwad u ma jinftehimx.



John Dalli: Għadu jistenna apoloġija

### Korruzzjoni u tixħim fl-aħħar snin



**Tixħim fl-ADT** – Tinkixef għanqbuta ta' tixħim fl-Awtorità dwar it-Trasport (ADT) fil-ħruġ tal-liċenzji għas-sewqan fejn sewwieqa li jitilgħu għat-test kienu jħallsu biex jgħaddu. Numru ta' eżaminaturi ta' l-ADT jittellgħu l-qorti. Tnejn minnhom ikunu interdettati għal għomorhom mill-Qorti wara li jinstabu ħatja.

**Tixħim fl-MMA** – Tinkixef sistema oħra ta' tixħim fl-Awrorità Marittima (MMA) fejn mijiet ta' sewwieqa ta' opri tal-baħar xaħħmu żewġ uffiċjali għolja biex jakkwistaw il-liċenzja mingħajr il-ħtieġa li jagħmlu l-kors mitlub mil-Liġi. Iż-żewġ uffiċjali għandhom każ quddiem il-qorti.

**Boarded out** – F'każ il-Qorti kontra anzjana miż-Żejtun akkużata b'korruzzjoni biex tgħin persuni jkunu dikjarati boarded out jiddaħħal ukoll fil-kredu membru fis-Segretarjat tal-Ministru tas-Saħħa Louis Deguara. Dan jiġi sospiż mill-kariga wara li jidher biċ-ċar li ismu se joħroġ fil-pubbliku. Jinfetħu proċeduri kriminali kontra l-uffiċjal fis-segretarjat.

**Pulizija** - Uffiċjal għoli tal-pulizija akkużat li kien jixxaħħam minn kriminali biex javżahom meta l-Pulizija tkun se tagħmel raids dwar logħob ta' l-azzard illegali.